

**Fil-Qorti Ċivili, Prim'Awla (Malta)**
**Onor. Imħallef Dr. Doreen Clarke LL.D**

**Rikors Ġuramentat Numru 1308/2024DC**

***APS Bank p.l.c. [C-2192]***

***vs***

***Jean Paul Buttigieg [K.I. Numru 303190M]***

**Illum, 13 ta' Jannar 2025**

**Il-Qorti,**

Rat **ir-rikors ġuramentat** tas-soċjeta' attriċi ppreżentat fit-28 ta' Novembru, 2024 permezz ta' liema ppremettiet:-

1. *Illi in forza ta' kuntratt ta' self fl-atti tan-Nutar Dottor Daniel John Bugeja datat 26 t'April 2022, l-Bank esponenti ikkonċeda faċilita' bankarja ta' self lill-konvenut fl-ammont kumplessiv ta' mija ħamsa u sittin elf Ewro (€165,000) hawn anness u mmarkat bħala Dok 'A' u dan abbażi ta' Sanction Letter maħruġa nhar is-26 ta' Jannar 2022 hawn annessa u mmarkata bħala Dok 'B';*

2. *Illi in forza ta' Sanction Letter oħra datata 18 t' Awwissu 2022, l-Bank esponenti kkonċeda faċilita' bankarja oħra ta' 'Personal Loan' fl-ammont ta' disgħa t'elef Ewro (€9,000) kopja tal-istess sanction letter hija hawn annessa u mmarkata bħala Dok 'C';*

3. *Illi l-konvenut, minkejja l-obbligi minnu assunti u stipulati fl-istess kuntratt u f'dawk is-Sanction Letters relattivi għall-istess, naqas milli jagħmel dawk il-pagamenti mensili dovuti lill-Bank esponenti kif miftiehem;*

4. *Illi b'hekk il-konvenut Jean Paul Buttigieg huwa debitur tal-Bank esponenti fis-somma ta' mija tmienja u tmenin elf tnejn u għoxrin Ewro*

*tnejn u disgħin ċenteżmu (€188,022.92c) rappreżentanti bilanċ komplessiv ta' faċilitajiet ta' self mogħtija lill-istess konvenut in kwantu għas-somma ta' mija erbgħa sittin elf mija erbgħa u ħamsin Ewro u ħamsa u sebgħin ċenteżmu (€164,154.75) bħala bilanċ ta' debitu ta' 'Loan Account' bin-numru 44057740015 u dan oltre l-imgħax bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) mit-tmintax ta' Lulju 2024 sad-data tal-pagament effettiv, flimkien mas-somma ta' tlettax il-elf disgħa mija ħamsa u tletin Ewro u tlieta u għoxrin ċenteżmu (€13,935.23) bħala bilanċ ta' debitu ta' 'Interest Disposal Account' numru 44057710031, kif ukoll is-somma ta' disgħa t'elef Ewro (€ 9,000) bħala bilanċ ta' debitu ta' 'Personal Loan Account' bin-numru 44057740026 u dan oltre l-imgħax bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) mit-tmintax ta' Lulju 2024 sad-data tal-pagament effettiv u in kwantu għas-somma ta' disgħa mija tnejn u tletin Ewro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€932.94) bħala bilanċ ta' debitu ta' 'Interest Disposal Account" numru 44057710042 u dan kif jidher ukoll mill-statements of  Accounts hawn anness bhala Dok 'D'; Dok 'E'; Dok 'F' u Dok 'G' respettivament;*

5. *Illi l-imsemmi ammont komplessiv huwa dejn ċert, likwidu u dovut mill-konvenut lill-Bank esponenti u fil-fehma tal-esponenti jinkorru l-elementi preskritti mill-Artikolu 167 et seq tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex din il-kawża tiġi deċiża bid-dispensa tas-smiegħ, billi fil-fehma tal-istess esponenti, l-konevnut ma għandhux l-ebda eċċezzjoni xi jressaq kontra it-talba għall-ħlas tal-imsemmi ammont komplessiv;*

6. *Illi għalkemm l-konvenut ġie interpellat diversi drabi sabiex iħallas l-ammont komplessiv hawn surreferit, inkluż ittra datata 19 ta' Settembru 2023 hawn annessa bħala Dok 'H'; call in letter datata 4 ta' Diċembru 2023 hawn annessa bħala Dok 'I' u ittra uffiċċjali bin-numru 4743/2024 hawn annessa bħala Dok 'J', l-konvenut baqa' inadempjenti;*

7. *Illi kontestwalment ma dan ir-rikors ġuramentat, il-Bank esponenti ntavola Mandat ta' sekwestru kawtelatorju fil-konfront tal-konvenut;*

8. *Illi r-rappreżentant tal-Bank esponenti jaf b'dawn il-fatti personalment;*

9. *Illi fil-fehma tas-soċjeta' attriċi l-ammont minnha mitlub huwa ċert likwidu u dovut ul- konvenut ma għandu ebda eċċezzjoni x'jissolleva għat-talbiet attriċi.*

U wara li hekk ippremettiet, is-soċjeta' attriċi talbet li, bid-dispensa tas-smigħ tal-kawża a tenur tal-artikolu 167 et seq tal-Kpitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, din il-Qorti:-

1. *Tiddikjara lill-konvenut Jean Paul Buttigieg huwa debitur tal-attur fis-somma ta' mija tmienja u tmenin elf tnejn u għoxrin Ewro tnejn u disgħin ċenteżmu (€188,022.92c) rappreżentanti bilanċ komplessiv ta' faċilitajiet ta' self mogħtija lill-istess konvenut in kwantu għas-somma ta' mija erbgħa sittin elf mija erbgħa u ħamsin Ewro u ħamsa u sebgħin ċenteżmu (€164,154.75) bħala bilanċ ta' debitu ta' 'Loan Account' bin-numru 44057740015 u dan oltre l-imgħax bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) mit-tmintax ta' Lulju 2024 sad-data tal-pagament effettiv, flimkien mas-somma ta' tlettax il-elf disgħa mija ħamsa u tletin Ewro u tlieta u għoxrin ċenteżmu (€13,935.23) bħala bilanċ ta' debitu ta' 'Interest Disposal Account" numru 44057710031, kif ukoll is-somma ta' disgħa t'elef Ewro (€9,000) bħala bilanċ ta' debitu ta' 'Personal Loan Account' bin-numru 44057740026 u dan oltre l-imgħax bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) mit-tmintax ta' Lulju 2024 sad-data tal-pagament effettiv u in kwantu għas-somma ta' disgħa mija tnejn u tletin Euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€932.94) bħala bilanċ ta' debitu ta' 'Interest Disposal Account" numru 44057710042;*

2. *Tikkundanna u tordna lill-konvenut iħallas lill-attur is-somma komplessiva mija tmienja u tmenin elf tnejn u għoxrin Ewro tnejn u disgħin ċenteżmu (€188,022.92c);*

*Bl-ispejjeż inkluż tal-Mandat ta' sekwestru kawtelatroju preżentat kontestwalment ma' dan ir-rikors ġuramentat u tal-ittra uffiċjali bin-numru 4743/2024 u bl-imgħax legali sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt in subizzjoni.*

Rat id-dokumenti kollha annessa ma'l-istess rikors ġuramentat.

Rat id-digriet mgħoti fit-3 ta' Diċembru 2024 permezz ta' liema l-kawża ġiet appuntata għas-smigħ għas-seduta tat-13 ta' Jannar 2025 u l-konvenut ġie ordnat sabiex jidher dak in-nhar u, fin-nuqqas, il-Qorti kienet ser tgħaddi biex tiddeċiedi minnufih il-kawża billi tilqa' t-talbiet tas-soċjeta attriċi kif maħsub f'l-artikolu 170 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-konvenut ġie notifikat fil-11 ta' Diċembru 2024.

Rat li l-konvenut deher fl-udjenza miżmuma llum u ammetta t-talbiet attriċi.

Ikkunsidrat

Illi mir-rikors promotur hekk kif ġuramentat minn Marvic Gauci u d-dokumenti hemm annessi mill-liema jrriżulta li l-konvenut huwa debitur tas-soċjeta attriċi fl-ammonti indikati.

Illi aktar minn hekk il-konvenut ammetta t-talbiet kollha tas-soċjeta attriċi.

Illi, wara li l-Qorti rat l-artikolu 170(1) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta dwar smigħ ta' kawżi bil-proċedura sommarja, u tenut kont tal-fatt li l-ammont imsemmi fir-rikors ġuramentat jirriżulta li għadu dovut anke fuq ammissjoni tal-konvenut, il-Qorti hi sodisfatta li t-talbiet attriċi huma ġustifikati.

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' t-talbiet attriċi kif dedotti bl-ispejjez ġudizzjarji u bl-imgħax legali

**DR. DOREEN CLARKE**
**IMĦALLEF**

**MARVIC PSAILA**
**DEPUTAT REĠISTRATUR**